**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 500**

**KAZ NRU. 681**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Peter Gravina

u

A.J. Services Limited
kif rapprezentata min
Alfred Magrin

dwar terminazzjoni mill-
impjieg li allegatament
hija ngusta

**Illum: 18 ta' Gunju, 1993**

**Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D**

**Preliminari**

Illi b'ittra datata 20 ta' Mejju, 1992 l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din il-Kwistjoni lil dan it-Tribunal ghal tenur obbligatorju taghha skond l-Art. 28(2) ta' l-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 266).

Illi ghal dan il-ghan inzammu ghaxar (10) seduti, fejn l-appellant kien abbilment assistit min Dr. Joseph Brincat fil-waqt li s-Socjeta' intimata rapprezentata min Alfred Magrin, kienet abbilment assistita mill-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia.

**Fatti**

Fl-istatement of case tieghu, l-appellant allega li t-tkeccija

.../2

tieghu kienet ingusta, ancorche considerando li kellu 'warnings' bil-miktub u li kellu akkuza li abbuza falsament membru tal-'management.'

Da parti taghha, s-Socjeta' intimata allegat li l-istess tkeccija kienet gusta u timmerita konferma. Aktar u aktar illi kellu erba' (4) 'written warnings'. Oltre' skond ma hemm redatt fic-certifikat tat-terminazzjoni ta' l-impjieg, ghamel akkuza falza fil-konfront ta' membru tal-'management.'

**Konsiderazzjonijiet**

Illi jibda biex jinghad illi s-Socjeta' intimata qed tibbaza l-gustifikazzjoni tat-tkeccija fuq zewg binarji, ossia l-'warnings' ga moghtija, erba (4) fin-numru u l-allegazzjoni dwar is-sur Anthony Vassallo membru tal-management.

Illi relattivament ghall-ezistenza tal-'warnings' il-fatt li impjegat kellu tlieta (3) jew aktar minn tlieta (3) bhala 'warnings', ma' jfissirx b'daqshekk li principal ghandu d-dritt sagrosant li jista' jkecci impjegat tieghu. Di piu' ma ghandhux ifisser li ghandu arma f'idejh fuq ras l-impjegat tieghu li biha ghandu l-fakolta' li jista' jkecci l-impjegat tieghu fuq kwalunkwe raguni, peress li jista' jinvoka favur tieghu dan in-numru ta' 'warnings'. Il-krejazzjoni tan-numru tlieta (3) bhala necessita' ghal tkeccija hija biss frott ta' konswetudini li ma' ghandha l-ebda ezistenza fil-ligi taghna. Dana jfisser pero' ukoll, a contrariu sensu illi sabiex impjegat jitkecca ossia jigi terminat lilu l-impjieg m'ghandux ghalfejn jinghata 'warning'. Dan jista' jigri fejn in-nuqqas ta' l-istess impjegat huwa serju u gravi f'cirkostanzi tali li jirekjedu t-tkeccija tieghu immedjata. Inoltre, jista' jkun hemm kaz ta' 'warnings' li ma' jimmeritawx tkeccija.

Mhux hekk biss, izda 'warning' ma' hemmx ghalfejn tkun bil-miktub. Dahlet l-uzanza tal-kitba sabiex il-principal ikollu prova nkontestata b'uzu potenzjali futuri ghal kontra l-impjegat f' termini kalcistici, referee jista' juri f'kaz ta' 'foul' jew karta l-hamra jew karta s-safra jew ma' juri l-ebda karta!

Illi relattivament ghat-tieni aggravju ossia fejn ikkoncerna akkuza falza fuq membru tal-management, hija ndikattiva ix-xhieda sia ta' Alfred Magrin u sia ta' Anthony Vassallo, il-persuna koncernata. Il-kaz tat-telf ossia nuqqas tac-cavetta ma' kienx il-culmine li waslet lis-socjeta' intimata biex effettivament tkecci lill-appellant odjern. Wara d-debita' investigazzjoni, l-appellant baqa' mpjegat mas-Socjeta' ossia fil-Fortina Hotel. Wara kollox l-appellant irraporta dak li qaltlu Irene Azzopardi, kif xehed l-istess Magrin thala gest u sustanza, dina kkonfermat dak li qal l-appellant.

Sussegwentament inqala kaz iehor fejn kien involut Anthony Vassallo u l-appellant. Dana gie irrapurtat mill-istess Vassallo talli kien qed jixrob barra r-recint tal-Kumpanija f'hin suppost tax-xoghol. F'dan il-kuntest hija vera hasra li persuna bhal Joseph Demicoli li ghaliha saret referenza miz-zewg partijiet ma' gietx imsejha biex tixhed u taghti l-verzjoni taghha tal-fatti.

Illi, da parti tieghu, l-appellant allega li kien assidwu ghall-ahhar ghax-xoghol u ippruvat bix-xhieda minnu mresqa. Kien jaghmilha ta' kollox ossia dak li kien jigi mqabbad minn kulhadd. Kien jonqsu jorqod fuq il-post tax-xoghol! Jekk wiehed jara l-'warnings' lilu moghtija, dawn jikkoncernaw il-mod ta' komportament tieghu, ghall ta' l-anqas vis-a-vis shabu tax-xoghol u mhux ir-residenti li jiffrekwentaw post turistiku bhal ma' hu l-Fortina Hotel bis-servizzi taghha kollha. L-Industrija turistika f'pajjizna hija mill aktar essenzjali ghal hajja ekonomika taghna. F'dan il-kuntest, il

principal ghandu d-dritt li jghallem u l-impjegat id-dover li jitghallem, sabiex fuq il-post tax-xoghol din l-industrija hekk importanti ma' tigix menomata.

**DECIZJONI**

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kif fuq suespost u gharragunijiet fuq premessi, it-Tribunal jiddeciedi illi t-tkeccija ta' l-appellant Peter Gravina, minn mas-Socjeta' A.J. Services Limited kienet wahda ngusta.

Ghal dak li jirrigwardja l-kumpens talvolta dovut lill-appellant, tenut kont li ma' damx barra minn xoghol remunerattiv, u dana anki grazzi ghall-assidwita' ghax-xoghol ta' l-appellant, it-Tribunal jiffissa il-kumpens dovut lilu mis-socjeta' intimata fl-ammont ta' mija u hamsin lira maltija (Lm150) liema ammont ghandu jithallas fi zmien xahar mill-lum.

Inoltre, it-Tribunal jordna wkoll lis-Socjeta' intimata sabiex tirrilaxxja a favur ta' l-appellant certifikat nadif ta' terminazzjoni ta' impjieg.

Ghal fini tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijjiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986), maghmula taht il-Kap 266, it-Tribunal qed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-drittijiet l-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) kull wiehed.

Joseph Bonnici
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

mrg